# IL-MARTIRJU TAL-FLORIANA

KITBA TA' FRANS H. SAID

L-aktar data important għall-parroċċa tal-Floriana hi dik tal-5 ta' Marzu għaliex kien f'dik id-data, fl-1844, li l-Floriana saret parroċċa indipendenti. Dik il-ġrajja, 171 sena ilu kellha konsegwenzi serji, kemm ta' ferħ u wkoll ta' niket. Għar-residenti dik kienet il-ħolma li tant xtaqu għal ħafna snin. Mill-banda l-oħra, għal ċerta sezzjoni fil-Belt Valletta, dak kien ifisser telf ta' introjtu u l-Kanonċi ma setgħux ikomplu jgħixu f'ċertu lussu bħal ma kienu jagħmlu qabel.

Qabel ma naraw id-dettalji tal-grajja u l-animożita` li daħlet, anzi li għadha tinħass sal-lum, irridu nifhmu kif kien isir il-kanonikat, mhux biss fil-Belt Valletta, imma f'ħafna nħawi oħra, kemm ta' Malta u wkoll ta' Għawdex. Il-kanonikat kien ristrett għal qassisin li jkunu twieldu f'tali parroċċa u li jkollhom dritt li jgawdu minn benefikat imħolli għal dak il-għan. Dan il-benefikat kien ikun stabbilit jew b'donazzjoni, inkella bħala parti minn testament, biex jipprovdi renti ta' kull sena b'risq il-persuna li tkun maħtura kanonku. Għalhekk jirriżulta ċar li l-kanonċi kienu kwazi kollha minn familji ta' ċerta klassi, u aktar minn hekk, ta' ċertu beni (sinjuri).

Avolja kien ikun hemm id-dritt tat-tgawdija tal-benefika, il-għażla u l-ħatra finali kienet isseħħ b'elezzjoni bejn il-kanonċi nfushom. Dan kien iseħħ biex jassiguraw li kull kanonku kien igawdi l-fiduċja ta' sħabu u ma jkun hemm l-ebda wieħed li b'xi mod seta' jaffettwa l-istatus "nobbli" tagħhom. Aktar minn hekk, il-kanonċi (speċi bħal ma kien iseħħ fil-Farizej fi żmien Kristu), kien ikollhom pil bajdani l-aktar rikk, ġmiemen u anki bokkli tal-fidda fiż-żarbun. Bħalma wħud mill-membri tal-familji kienu jsiru avukati, tobba jew negozjanti kbar, oħrajn kien jiddaħħlu mal-kleru, u biex izommu l-livell tal-familja, kienu jsiru kanoniċi.

Il-familji tal-kanonċi kienu, kwazi kollha, nies ta' pożizzjoni għolja b'forza qawwija fuq il-Kurja u l-amministrazzjoni ċivili. B'hekk jidher ċar li mhux la kemm wieħed kien jieqaf lil xi kanonku, għaliex il-grupp kien jingħaqad flimkien u juża l-poteri u l-forza tiegħu kollha biex ifarrak lil min kien jazzarda li ma jinżilx wiċċu mal-art quddiem bniedem hekk "supperv".

*Il-Floriana Bħala Belt*

Bil-bini tas-swar tal-Floriana, il-lokalità bdiet tkun żviluppata bħala żona ta' residenza u fi żmien qasir bdiet issir belt indipendenti. Għal skopijiet strateġiċi, il-bini kien inżamm 'il bogħod mis-swar tal-Belt u għalhekk il-kuntatt bejn iż-żewġ lokalitajiet kien fih ċerti problemi, aktar u aktar minħabba li bil-lejl, il-bibien tal-Belt kienu jissakkru. Wara l-knisja tal-Kapuċċini, li tinsab f'rokna mwarrba u l-kappella ta' Sarria, li kienet żgħira għall-popolazzjoni, fil-Floriana nbniet kappella oħra li bi skop speċifiku ġiet iddedikata lil San Publju. Dan sar biex iż-żewġ qaddisin, li flimkien kienu l-pilastri tar-reliġjon nisranija fil-gżejjer tagħna, ikunu ivvenerati flimkien bħala għaqda.

Dan kien għan-nobbli u ta' min ifaħħru. Dawn iż-żewġ qaddisin, fil-għaqda tagħhom, kienu kruċjali. Publju mhux biss laqa' lil Pawlu, imma kien tah liberta` assoluta li jdur il-gżejjer u jgħallem ir-reliġjon ġdida ta' Kristu. Pawlu kien ferm grat u meta ntebaħ bil-qdusija ta' Publju ħatru u kkonsagrah bħala l-ewwel isqof u suċċessur tiegħu. Id-devozjoni lejn Publju hija antika ħafna u dan jixhduh id-diversi nħawi assoċjati mal-Prinċep tal-Gżira. Minħabba li Publju kien, bla ebda dubju, ta' nazzjonalità Maltija, huwa b'hekk kien l-ewwel qaddis Malti u dan jispjega d-devozjoni kbira li jgawdi madwar Malta u Għawdex. Fil-fatt jinsabu diversi kappelli u statwi madwar iż-żewġ gżejjer li wħud minnhom għandhom mijiet ta' snin, anzi ferm qabel ma l-Papa kien iddikjara lil San Publju bħala wieħed mill-Patruni ta' dawn il-gżejjer.

Għalhekk jidher mhux biss inkompatibbli l-fatt tal-animożita` minn ċerta sezzjoni fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Vallertta, imma hija sitwazzjoni ta' ridikolaġni kbira ħafna. Jiġifieri skont din is-sezzjoni, wara li Publju laqa' f'daru lil Pawlu u dawk kollha li kienu miegħu, wara li fl-Atti tal-Appostli nsibu kliem ta' tifħir għal dan l-aġir nobbli, issa dawwarna kollox ta' taħt fuq u qisna qegħdin ngħidu li San Pawl kien ingrat sa l-aħħar għaliex irid iwarrab lil Publju minn daru stess. Iż-żewġ festi għandhom, anzi jmisshom, ikunu ċċelebrati flimkien billi l-kleru ta' dawn iż-żewġ parroċċi jieħu sehem attiv u reċiproku fil-festi rispettivi. Fil-fatt, l-arċiprieti diġa` jistiednu lil xulxin, liema stedina hija miftuħa wkoll lejn il-parroċċi ta' San Duminku u Santu Wistin. Forsi anki għad nara li fiż-żewġ festi rispettivi jkun hemm iż-żewġ relikwi tal-qaddisin esposti għall-pubbliku fuq l-altar maġġur kemm ta' San Pawl fil-Belt u wkoll ta' San Publju fil-Floriana. Il-għaqda hija skont it-tagħlim ta' Ġesu`, imma fl-istess waqt il-għaqda trid tkun tidher u pprattikata fil-pubbliku. Tassew li kien hemm żmien meta l-isem ta' Publju kien ipprojbit fil-Parroċċa ta' San Pawl, imma issa hija ta' sodifazjoni l-aktar qawwi li **fil-festa tal-2015 il-qari mill-Atti sar fl-intier tiegħu. Proset kbir għal dan l-iżvilupp.** J'Alla jibqa' dejjem isir hekk, anzi li din il-parti tidħol uffiċjalment fil-liturġija ta' dawn il-gżejjer biex is-silta kollha tinqara f'kull knisja ta' Malta u Għawdex.

Qabel ma nibda bid-dettalji dwar it-telgħa ta' tbatija biex il-Floriana saret parroċċa u eventwalment Parroċċa Arċipretali, nixtieq nirringrazzja lil Dun Richard Borg tal-permess li tani biex nikkwota siltiet mil-ktieb "Il-Floriana, fil-Mixja Nisranija Tagħha". Dak il-ktieb,

primarjament miktub minn Patri Alexander Bonniċi OFM Conv jiġbor fih ħafna tagħrif siewi u interessanti u ninkorraġikom biex takkwistaw kopja u taqrawh fl-intier tiegħu, għalkemm, kontra qalbi, jkolli ngħid li minn ċerti aspetti jinkludi wkoll misinformazzjoni u preġudizzji. Biex insemmi tnejn, hemm il-perijodu li fih San Pawl sofra n-nawfraġju (u dwar dan diġa` ktibt drabi oħra) u l-kwistjoni dwar jekk Publju l-Malti kienx ukoll it-tieni isqof ta' Ateni. Dwar dan is-suġġett, li żviluppa biss matul dawn l-aħħar ħamsin sena, u li huwa parti minn kampanja viljakka ta' mibegħda kontra Maltin bħalna, anzi l-uniku Malti msemmi fil-kotba mqaddsa, jiena kemm-il darba ħaqqaqt li l-kitba ta' dutturi tal-knisja bl-ebda mod m'għandha tkun imwarrba minn dilettanti preġudikati. L-aħħar kitba tiegħi dwar dan is-suġġett hi dik li ġġib l-isem ta' "San Publju Skont San Klement ta' Lixandra" u sejra tkun ippubblikata fil-Festa popolari, nhar id-19 ta' April 2015. (Nota: San Klement ta' Lixandra, għalkemm mhux meqjus bħala qaddis mill-Knisja Kattolika, huwa rikonoxxut mill-Knejjes tal-Lvant Nofsani u l-aktar mill-Insara Ortodossi.)

*It-Telgħa Tal-Kalvarju*

L-ewwel sforz attwali biex fis-swar tal-Floriana jkun hemm parroċċa kien sar mill-Gran Mastru Vilhena meta fl-14 ta' Diċembru 1723 kien kiteb lis-Santa Sede dwar ix-xewqa tiegħu. Is-Santa Sede xejn ma kienet favorevoli, imma l-Gran Mastru kompla bl-isforzi tiegħu u ftit xhur wara, fis-27 ta' Settembru 1724 kiteb mill-ġdid fejn wera x-xewqa tiegħu li l-knisja ta' Sarria tkun mogħtija l-ġieħ ta' knisja parrokkjali u tkun tiddependi mill-Ordni ta' San Ġwann. Imma ġara, li kontra x-xewqa tal-Gran Mastru, l-Isqof Gori Manċini talab li d-djoċesi tingħata biċċa art ħalli fuqha tinbena knisja li biż-żmien kellha ssir parroċċa u li kellha tkun iddedikata lil San Publju. Skont ix-xewqa tal-Isqof, il-Kongreggazjoni tal-Konċilju, fis-27 ta' Jannar 1727, ħarġet digriet biex il-Kavallieri jgħaddu biċċa art sabiex fuqha tinbena knisja mdaqqsa. Il-Kavallieri ma aċċetawx it-talba, imma fl-istess waqt il-Kapuċċini ma kenux aċċettaw li jidħlu responsabbli għal dik il-parroċċa. B'dana kollu, is-servizzi ewlenija kellhom jibqgħu fir-responsabbilta` tal-parroċċa ta' San Pawl.

Tliet snin wara, fil-1727 meta ż-żona kienet qed tiddawwar bis-swar, il-ħtieġa ta' parroċċa bdiet aktar tinħass. B'dana kollu, il-Floriana baqgħet fit-territorju tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt.

*Il-Bini Tal-Knisja*

Interessanti li l-bini tal-Knisja ewlenija fil-Floriana kien sar bl-insistenza ta' Dun Guzepp Guicciardi, Kappillan ta' San Pawl, għalkemm dan ma riedx li dik tkun parroċċa. Interessanti wkoll li kien propju Dun Ġużepp li insista li l-knisja tkun iddedikata lil San Publju. Wara ċerti problemi, il-knisja tlestiet fil-1740 u malajr kienet iddikjarata viċi-parroċċa. Sadattant San Pawl kienet elevata bħala knisja Arċipretali u beda l-proċess biex tkun iddikjarata Kolleġġjata.

F'għajnejn il-bnedmin tal-lum, ċerti azzjonijiet jidhru bħala affarijiet pwerili. Is-sens ta' superjorita` min-naħa tal-qassisin ta' San Pawl fuq dawk tal-Floriana kien qiegħed jinħass intollerrabbli. Sadattant il-popolazzjoni tal-Floriana kompliet tikber u b'hekk kien meħtieg li jkun hemm aktar servizzi f'dik il-belt il-ġdida.

Fis-seklu dsatax, jiġifieri wara t-tluq tal-Ordni, it-tkeċċija tal-Franċizi u l-wasla tal-Ingliżi, il-Furjaniżi komplew jitolbu li l-knisja tkun eletta parroċċa. L-Isqof Labini bħal ħasel idu u ssospenda kollox. L-Ingliżi, li sa dak iż-żmien kienu stabbilew irwieħhom, ma redux jindaħlu.

*Il-Qiegħa Tibda Tisħon*

Sadattant, il-Floriana bdiet tissemma għal rasha anki fir-reġistri tal-Ordinazzjoni Klerikali. Imma d-differenzi bejn iż-żewġ knejjes komplew jiżdiedu, tant li fit-2 ta' Marzu 1839, il-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu neħħa mill-kariga tagħhom lil Dun Ġużepp Ellul, il-viċi li kienu appuntaw huma stess u li kien twieled u trabba fil-parroċa ta' San Pawl, u wkoll lil Filippu Grech, it-teżorier. Dan seħħ għaliex issusspettaw li dawk xtaqu, anzi kienu jaħdmu biex il-Floriana ssir parroċċa indipendenti.

Fil-24 ta' Ġunju 1839, il-Furjaniżi għamlu supplika lill-Papa Girgor XVI. Il-Papa ċaħad kull talba, anzi żied li anqas biss ma kellhom jintlaqgħu suppliki oħrajn biex il-poplu tal-Floriana jkollu l-parroċċa tiegħu. B'dana kollu, l-awtoritajiet ta' Ruma ma kenux qatgħuha barra. Fis-7 ta' Settembru 1839, Ruma ressqet domanda lill-Kolleġjata ta' San Pawl biex ikunu ċċarati xi affarijiet. Fit-30 ta' Settembru 1839, il-komunita` tal-Floriana ffurmulat supplika lill-Isqof Mons. Frangisco-Saverio Caruana. Minn dak il-waqt l-Isqof Caruana ma waqafx milli jagħtihom l-appoġġ tiegħu.

*Il-Pjanta Ta' Groignet*

L-arkitett magħruf Gorg Graingnet de Vassè kien mitlub biex jiddisinja pjanta li fiha jinkludi l-Floriana u Belt ħalli jkun jista' jsir paragun bejniethom. Dik il-pjanta kienet lesta fis-26 ta' Ġunju 1839 u minnha rriżulta li l-estenzjoni tal-viċi-parroċċa tal-Floriana kienet akbar minn dik taż-żewġ parroċċi tal-Belt flimkien. Kien fl-istess sena li l-Kanonċi ta' San Pawl il-Belt wieġbu lill-Papa. Fit-tweġiba tagħhom huma ppruvaw li jiġġustifikaw is-sitwazzjoni kif kienet. Anzi żiedu li kieku l-Floriana kellha takkwista l-parroċċa tagħha, is-sitwazzjoni kienet tmur ħafna għall-agħar.

Il-Kanonċi ta' San Pawl kienu tal-qatgħa iżjed minn dawk tal-Floriana għaliex bħal ma spjegajt qabel, huma kienu ġejjin minn familji sinjuri u ta' professjonisti u b'hekk kellhom minn fejn jakkwistaw pariri qawwija. Il-Furjaniżi ma qatgħux qalbhom u talbu l-għajnuna tal-Inglizi imma l-intriċċi fost il-kbarat għamlu sforzi u pressjoni qawwija biex il-Gvernatur ma jidħolx f'dik il-kwistjoni.

*L-Istampa Tibda Ddur*

Mas-sena 1840, is-sitwazzjoni bdiet tinqaleb favur il-Floriana fejn il-popolazzjoni kienet saret ta' 4,063. Fl-10 ta' Marzu 1840, l-Isqof Frangisco-Saverio Caruana lmenta għaliex il-Kanonċi ta' San Pawl ma kenux urewh id-dokumenti oriġinali kollha. Għalhekk l-isqof tahom tmint ijiem żmien biex juruh id-dokumenti awtentiċi kollha. Il-Furjaniżi komplew bl-isforzi tagħhom u wrew li ma kellhomx ikunu anqas mill-Isla, Bormla u l-Birgu li kollha kienu parroċċi indipendenti.

Imma l-Kapitlu ta' San Pawl il-Belt kien deċiż li ma jitlef l-ebda introjtu mill-Floriana u fil-10 ta' Ġunju 1840 kiteb lill-Papa Girgor XVI li l-erezzjoni ta' parroċċa fil-Floriana ma kinitx iġġib ħlief skandli, taħwid, spejjeż u dejn. Imma din id-darba Ruma talbet il-fehma tal-Isqof Caruana.

Fil-bidu tas-sena 1843, il-Kolleġġjata ta' San Pawl ressqet argument ieħor li bih waqqgħet il-ġebla fuq saqajha. Ħareġ fil-beraħ x'kienu r-raġunijiet ewlenija tal-oppożizzjoni tagħhom. F'isem il-Kapitlu, fil-5 ta' Jannar 1843, l-Avukat Frangesco-Saverio Bonavia ddikjara li l-Kolleġġjata, sa minn ħafna żmien qabel, kienet determinata li topponi għal kull seprazzjoni sabiex il-Kapitlu jibqa' jkollu patrimonju (introjti) tajjeb għax, fil-fatt, il-prebendi kienu miżeri ħafna. Kien hemm il-biża' li ma jkollhomx mezzi suffiċjenti għall-għajxien tal-Kanonċi. Għalhekk, fl-aħħar, deher ċar li l-problema kienet il-flus, u xejn aktar.

Il-Kongregazzjoni tal-Konċilju, fl-4 ta' Frar 1843, reġgħet fetħet il-każ. U għall-ewwel darba l-kongregazzjoni aċċettat li l-parroċċa kellha ssir, imma b'xi kondizzjonijiet. Fost dawn kien hemm il-ħtiega li dawk tal-Floriana jibqgħu jżommu sens ta' qima lejn San Pawl tal-Belt u dan kellu jsir billi, nhar il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, il-parroċċa tal-Floriana tagħti xemgħa bajda li tizen għaxar libbri. Din il-kondizzjoni turi li wara kollox, dak li dwarhom ili nħambaq jien, huwa parti minn digriet ta' Ruma, jiġifieri li ż-żewġ festi tan-Nawfraġju ta' San Pawl u ta' San Publju kellhom rabta kbira bejiethom u li kien xieraq li fiċ-ċelebrazzjoni tagħhom ikun hemm għaqda kemm ċivili u wkoll fil-liturġija.

Imma l-Kapitlu ta' San Pawl, avolja ħassu tellief, xejn ma kien rassenjat u baqa' jinsisti li l-Floriana bl-ebda mod ma ssir parroċċa. L-Isqof Caruana, li jidher li kien bniedem ferm kapaċi, ġabar quddiemu liż-żewġ komunitajiet fejn il-Floriana għamlet wegħda sollenni li kienet sejra tonora l-kondizzjonijiet kollha imposti fuqha.

Fis-16 ta' Jannar 1844, Mikiel Pace, bħala Kaptan tal-Kurja, għarraf lil tal-Floriana li l-erezzjoni tal-parroċċa f'ġieħ San Publju kienet waslet biex issir. Il-ferħ tal-Furjaniżi kien kbir. Bdew iħejju marċijiet, tiżjin bid-dawl u logħob tan-nar.

*Il-Ħolqien Tal-Parroċċa*

Il-5 ta' Marzu 1844 hi d-data l-aktar importanti fl-istorja tal-Floriana. Ġurnata qabel, l-Isqof Frangesco-Saverio Caruana ħareġ id-digriet tal-erezzjoni tal-parroċċa. Biex ma jkunx hemm taħwid u diżgwid, l-Isqof iddikjara bid-dettall il-konfini taż-żewġ parroċċi. Il-parroċċa ta' San Pawl kellha tkun mis-swar 'il ġewwa imma min-naħa ta' xatt il-baħar żammet mhux biss sal-bieb (Victoria Gate) imma wkoll sa bieb ieħor, hekk imsejjaħ Bieb ix-Xatt (Advanced Gate), jiġifieri fejn issa hemm il-mina ta' Lascaris. Il-limiti tal-Floriana issa kienu jinkludu ż-żona kollha li nqatgħet minn mal-Belt, jiġifieri sal-konfini ma' San Ġorġ ta' Hal Qormi u ma' ta' Sant' Elena ta' Birkirkara.


14, Triq Sant' Anna, Floriana FRN9031 info@vilhenabc.com

*L-Effetti Ta' Dan L-Iżvilupp*

Wieħed kien jistenna li l-Kapitlu, il-Kanonċi u l-Kleru ta' San Pawl Nawfragu kienu jaċċettaw din id-deċizjoni finali bl-approvazzjoni sħiħa tal-Papa u ta' Ruma. Imma hawn bdiet ħierġa ċerta mibegħda, ħdura u vendetta. La darba ma setgħu jagħmlu xejn kontra d-Digriet, huma daru fuq il-qaddis u bdiet kampanja ta' qerq u tixrid ta' gideb li għadu jeżisti sal-lum. Bdew jivvintaw ħafna tagħwiġ li dak iż-żmien ftit li xejn kien hawn min seta' jikkonradixxih. Fost dawn hemm jekk San Publju ta' Malta u ta' Ateni humiex l-istess bniedem. Deffsu fil-nofs bniedem li qatt ma kien jgħix Ateni, anzi kien jgħix fis-seklu ħamsa, fiż-żmien il-Kunsill ta' Efesu. Bit-tnassis ipperswadew lill-Kurja Maltija biex il-festa liturġika tkun imwarrba mill-21 ta' Jannar, għaliex taparsi, dak il-jum hu ddeddikat lil Sant' Anjeze. Li nsew tal-Belt hu l-fatt li anki l-10 ta' Frar hu ddeddikat lil Santa Skolastika, li f'Malta l-festa tagħha tkun iċċelebrata fid-9 ta' Frar, avolja f'Malta hawn aktar rabta ma' Santa Skolastika milli ma' Sant' Anjeze.

Il-ħmerijiet tal-imgħoddi hemm bżonn li jitwarrbu. Hemm bżonn li l-Knisja f'Malta tirranġa dawn l-iżbalji, fosthom il-jum liturġiku tal-Martiju ta' San Publju, ta' Malta u ta' Ateni, u li fl-arċidijoċesi ta' dawn il-gżejjer ir-rabta ta' bejn San Pawl u San Publju tkun mogħtija aktar il-gieħ mistħoqq. Irridu niftakru li kieku Publju ma laqax lil Pawlu u ħallieh jippriedka, kienu f'Malta ma kienx ikollna r-Reliġjon Nisranija. Min-naħa l-oħra San Publju ma seta' qatt jieħu l-martirju għal Ġesu` li kieku ma semax il-kelma t'Alla minn San Pawl innifsu.

Jekk aħna l-Maltin irridu u għandna rieda tajba, nistgħu niltaqgħu madwar mejda u nistudjaw kull punt minn dawn l-intietef. Imma jekk le, allura issa wasal iż-żmien li ssir talba formali lis-Santa Sede biex taħtar bniedem kapaċi, imma bla ebda rbit ma' Malta, biex jistudja dan l-aspett fl-intier tiegħu u jagħti deċizjoni finali. Min hu sinċier żgur li jieħu pjaċir b'tali azzjoni. Jiena, li tant ħambaqt dwar ċerti punti lest li nikkopera u naċċetta deċizjoni imparzjali minn bniedem struwit u indipendenti.

Ejjew inkunu rġiel, nuru li aħna Kristjani konvinti u l-ewwel u qabel kollox inpoġġu quddiemna it-tagħlim ċar ta' Ġesu` Kristu. Is-sewwa minn Alla, imma l-qerq ġej kollu mix-xitan.

***Ċentinarju Mill-Martirju Ta' San Publju***

**Nibqa' nħambaq u ntenni il-ħtieġa li Malta tiċċelebra d-dsatax-il ċentinarju mill-Martirju ta' San Publju, li bħal ma kont urejt drabi u mkejjen oħrajn, dan sejjer iseħħ fis-sena 2018. Kif jistgħu l-gżejjer tagħna jinjoraw avveniment hekk importanti? Fejn hija s-serjeta`? Fejn hija t-tmexxija għaqlija tal-Kurja Maltija li aktar trid tinħabb (hija mwerwra) minn ċerta parroċċa u gruppi privileġġati, milli li tħeġġeġ u ssaħħaħ il-għaqda "fost il-Maltin u s-sliem"?**

18 ta' Frar 2015

